

Brussell, 6 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14901/25

SOC 726
EMPL 484
EDUC 415
JEUN 221
ECOFIN 1458
COMPET 1111
MI 868
MIGR 406
DIGIT 219
ENV 1152
FISC 300
SAN 700
GENDER 194

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni li jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE, li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2025.

**Rieżami tripartitiku tal-KPS dwar l-implimentazzjoni
tal-Pjan ta' Azzjoni li jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE**

Messaġġi Ewlenin għall-Kunsill EPSCO

1. INTRODUZZJONI

In-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet huwa sfida ewlenija li qed jiffaċċa s-suq tax-xogħol tal-UE, b'konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi. Minkejja tnaqqis żgħir mill-quċċata osservata fl-2022, dawn in-nuqqasijiet għadhom flivelli storikament għoljin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u huma rrapportati minn kumpaniji tad-daqsijiet u fis-setturi kollha. Kif enfasizzat fir-rapport ta' Mario Draghi¹, it-titjib tal-provvista tal-ħiliet fil-forza tax-xogħol jista' jgħin fil-promozzjoni tal-kompetittività tal-UE. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2024 dwar nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: *Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal tax-xogħol mhux sfruttat fl-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-KPS [ikompli] jimmonitorja n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u l-isfidi relatati fl-UE fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, inkluż billi [jwettaq] diskussjonijiet tematiċi, bl-involviment tas-sħab soċjali, sabiex jippromwov[i] l-qsim tal-għarfien u l-prattiki tajba fost l-Istati Membri dwar il-kwistjoni tal-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet.*

¹ Ir-Rapport ta' Draghi "[The future of European competitiveness](#)", Settembru 2024

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' hili² jipprovdi qafas politiku komprensiv biex tiġi indirizzata din l-isfida. Huwa jiddeskrivi l-azzjonijiet fuq perjodu qasir u medju li l-UE, l-Istati Membri u s-sħab soċjali għandhom jieħdu f'ħames oqsma ta' politika: l-attivazzjoni ta' persuni sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, l-appoġġ għall-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, it-tisħiħ ta' mobbiltà ġusta intra-UE, u li jinġibed talent minn barra l-UE. Fir-rigward tal-attivazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva³ għandha rilevanza kbira, bl-għan li tfittex livelli għoljin ta' impjieg billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-introjtu, aċċess effettiv għas-servizzi u trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.

L-Istrateġija Ewropea għall-Kura⁴ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja⁵ jistabbilixxu qafas komprensiv għar-riformi u l-investimenti biex jittejjeb l-għoti ta' servizzi tal-kura fit-tul u jiġu appoġġati l-indoktrinati formali u informali. Sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' forza tax-xogħol u tiżdied l-attraenza tas-settur, ir-Rakkomandazzjoni thegħeġ lill-Istati Membri jiżguraw impjegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi, kif ukoll itejbu l-professjonalizzazzjoni tal-kura u jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet. Ir-rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali⁶ jindikaw li n-nuqqas ta' forza tax-xogħol huwa kwistjoni sinifikanti f'dan is-settur, u jinkludu wkoll għadd kbir ta' miżuri li għandhom l-għan jindirizzaw din l-isfida. L-implimentazzjoni fil-livell tal-UE tibni fuq il-Kumitat ta' Djalogo Soċjali Settorjali dwar is-Servizzi Soċjali u s-Sħubija fuq Skala Kbira għall-Ħiliet fil-kura fit-tul xprunata mill-partijiet ikkonċernati, mirfuda minn pakkett analitiku⁷ li jipprovdi informazzjoni ddettaljata dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, fis-settur tal-kura fit-tul.

² [COM\(2024\) 131 final](#). Il-Pjan ta' Azzjoni ġie adottat fl-20 ta' Marzu 2024.

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva ([2023/C 41/01](#)).

⁴ L-Istrateġija Ewropea għall-Kura ġiet ppubblikata f'Settembru 2022.

⁵ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja](#) ġiet adottata fit-8 ta' Diċembru 2022.

⁶ [Rapporti ta' implimentazzjoni nazzjonali](#) dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġew ippreżentati fl-2024

⁷ Ara l-[erba' rapporti ta' esperti tal-2024](#) li jipprovdu informazzjoni ddettaljata dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, fis-settur tal-kura fit-tul.

L-Unjoni Ewropea tas-Sahha⁸, imnedija mill-Kummissjoni Ewropea, issaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza sfidi tas-saħħa dejjem akbar. Hija tappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu s-sistemi tas-saħħa sabiex jindirizzaw kwistjonijiet bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni, iż-żieda fil-mard mhux komunikabbli, it-trasformazzjoni diġitali, u t-theddid li jirriżulta minn mard infettiv. Il-programm EU4Health huwa strument ewlieni tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, li jiffinanzja proġetti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, tingħata spinta lill-innovazzjoni li tappoġġa lill-Istati Membri fl-ippjanar tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa, tittejjeb iż-żamma tal-infermiera u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Biex jappoġġaw il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u jissodisfaw l-istedina tal-Kunsill, saret sejħa biex il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jagħmlu skambji tripartitiċi dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Fil-11 ta' April 2025, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali kellu dibattitu orizzontali tripartitiku li ffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u n-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa. Id-diskussjoni kopriet żewġ aspetti ewlenin. L-ewwel nett, esplorat modi kif tappoġġa l-attivazzjoni ta' gruppi sottorappreżentati, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva. Dan l-iskambju ġie infurmat mit-tweġibiet tal-kwestjonarju ċċirkolat mill-Kummissjoni lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali fl-20 ta' Diċembru 2024. It-tieni, id-diskussjoni ffukat fuq l-isfidi u r-risponsi politiċi relatati man-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fis-settur tal-kura fit-tul u dak tal-kura tas-saħħa, bil-ħsieb li jittejjbu l-aċċess u l-kwalità tas-servizzi. Is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti tal-UE kkontribwew għad-diskussjoni. Dawn kienu jinkludu rappreżentanti ta' Business Europe, SME United, SGI Europe, il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions akkumpanjati minn sħab soċjali settorjali, bħall-Federazzjoni tal-Impjegaturi Soċjali Ewropej u l-Federazzjoni Ewropea tal-Unions tas-Servizzi Pubbliċi. F'isem l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, qasmu l-fehmiet tagħhom in-Network Ewropew kontra l-Faqar, Caritas Europe, in-Network Soċjali Ewropew (ESN), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fornituri tas-Servizzi għall-Persuni b'Diżabbiltà (EASPD) u l-Forum Ewropew tal-Pazjenti.

⁸ Il-Komunikazzjoni dwar l-[Unjoni Ewropea tas-Saħħa](#) ġiet ippubblikata f'Mejju 2024.

2. ATTIVAZZJONI TA' PERSUNI SOTTORAPPREŻENTATI

Abbażi tat-tweġibiet tal-kwestjonarju, aktar minn nofs l-Istati Membri tejbu l-koordinazzjoni tagħhom mal-fornituri tas-servizzi rilevanti, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill⁹.

Fost miżuri oħra, ġew stabbiliti gateways jew strutturi ta' punt uniku ta' servizz bejn is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (PES) u l-awtoritajiet responsabbli għall-ġhoti ta' benefiċċji, bħall-istituti nazzjonali tas-sigurtà soċjali u tal-assistenza soċjali. Dawn l-istrutturi għandhom l-għan li jtejbju l-forniment tas-servizzi għal dawk li qed ifittxu impjieg u għall-persuni li jesperjenzaw sfidi ta' integrazzjoni soċjali u professjonali. F'każijiet oħra, il-PES tejjeb il-koooperazzjoni tiegħu fil-livelli reġjonali u nazzjonali, filwaqt li saħħaħ is-sħubijiet mal-muniċipalitajiet, l-NGOs, u l-fornituri tas-servizzi, bħaċ-ċentri tal-kura tas-saħħa.

Skont il-kontribuzzjonijiet riċevuti, aktar minn terz tal-pajjiżi tal-UE ffaċilitaw l-aċċess għal servizzi abilitanti u essenzjali għall-benefiċjarji tal-introjtu minimu.¹⁰ Diversi Stati Membri saħħew l-iskemi ta' appoġġ soċjali tagħhom, b'aċċess imtejjeb għal opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, gwida għall-karriera u konsulenza soċjali, inkluż pariri baġitarji biex jiġi evitat id-dejn. Xi Stati Membri introduċew dispożizzjonijiet biex iżidu l-flessibbiltà biex l-impjiegi jiġu kkombinati mal-benefiċċji soċjali taħt ċerti kundizzjonijiet, filwaqt li oħrajn adottaw jew qed jippjanaw miżuri biex itejbu l-inċentivi għax-xogħol għal dawk li jirċievu introjtu minimu.

3. NUQQAS TA' ĦADDIEMA U TA' HILJET FIS-SETTUR TAL-KURA FIT-TUL U DAK TAL-KURA TAS-SAĤĤA

Minħabba t-tixjij demografiku, is-settur tal-kura fit-tul għandu potenzjal għoli ta' ħolqien tal-impjiegi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħaddiema tal-kura personali. Id-domanda għall-kura fit-tul fl-UE hija pprojetata li tiżdied minn 31.2 miljun individwu fl-2022 għal 37.8 miljun sal-2050. Konsegwentement, l-impjiegi relatati mas-saħħa, inkluż il-professjonisti tas-saħħa u l-ħaddiema tal-kura personali, huma stmati li jespandu. Il-ħaddiema tal-kura personali, li jagħmlu aktar minn 60 % tal-forza tax-xogħol tal-kura fit-tul, huma waħda mill-kategoriji li għalihom huma mistennija l-oġhla opportunitajiet ta' impjieg.

⁹ Ara l-Artikolu 14 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Introjtu Minimu Adegwat.

¹⁰ Ara l-Artikoli 11, 12, 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Introjtu Minimu Adegwat.

L-Istati Membri qed jitħabtu biex jattiraw u jżommu ħaddiema tal-kura fit-tul, u dan jirriżulta f'għadd sinifikanti ta' pożizzjonijiet vakanti, fi sfond ta' forza tax-xogħol li qed tixjiegħ b'rata mgħaġġla. In-nuqqasijiet serji fis-settur tas-saħħa u tal-kura jirriżultaw ukoll minn domanda għolja ta' sostituzzjoni minħabba t-tixjiegħ tal-forza tax-xogħol. Bħalissa, hemm 3.2 ħaddiema tal-kura fit-tul għal kull 100 individwu li għandhom aktar minn 65 sena, b'disparità wiesgħa fl-UE kollha, li tvarja minn 9-10 ħaddiema tal-kura fit-tul għal kull 100 persuna akbar fl-eżatt fi ftit pajjiżi għal inqas minn 2 f'madwar nofs l-Istati Membri.

L-attrawenza baxxa tas-settur hija mmotivata minn livelli baxxi ta' pagi, kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, arranġamenti tax-xogħol mhux standard (eż. ħinijiet tax-xogħol irregolari, riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, stress psikoloġiku eċċ.), u rekwiżiti tal-ħiliet dejjem aktar kumplessi. Il-ħaddiema tal-kura fit-tul jesperjenzaw livelli oġġla ta' stress relatat max-xogħol u ta' esponiment għal għadd kbir ta' fatturi ta' riskju (jiġifieri riskji muskuloskeletal, psikosoċjali, kimiċi u bijoloġiċi). Ix-xogħol part-time involontarju u x-xogħol temporanju huma komuni fis-settur. Flimkien ma' pagi fis-siegħa baxxi, dan spiss ipogħi lill-ħaddiema tal-kura fit-tul friskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu. Persuni li jindukraw f'unità domestika u indoktruri residenti, li spiss ikunu ħaddiema mobbli mill-UE jew minn pajjiżi terzi, ta' sikwit jiffaċċaw kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli u aċċess aktar diffiċli għall-protezzjoni soċjali u tax-xogħol. Dan huwa partikolarment rilevanti għal dawk li jwettqu xogħol ta' kura mhux iddikjarat.

Fir-rapporti tagħhom dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja, kważi l-Istati Membri kollha jenfasizzaw firxa wiesgħa ta' azzjonijiet rilevanti. Dawn jinkludu miżuri biex jissaħħaħ ir-rikonoxximent soċjali ta' dawn l-okkupazzjonijiet u jiġu attirati aktar persuni permezz tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, pereżempju permezz ta' żidiet fil-pagi, miżuri tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, l-għoti ta' taħriġ u titjib tal-ħiliet, is-simplifikazzjoni tar-rikonoxximent tal-kwalifiki barranin, miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jew il-ħolqien ta' profili tal-impjiegi addizzjonali.

Il-forza tax-xogħol tas-saħħa Ewropea qed tiffaċċa wkoll nuqqasijiet minħabba ħafna fatturi differenti. Dawn jinkludu kwistjonijiet strutturali (forza tax-xogħol li qed tixjieħ), distribuzzjoni territorjali mhux uniformi tal-professjonisti, żieda fl-ammont ta' xogħol, stress, opportunitajiet limitati għall-iżvilupp professjonali, pagi baxxi, u kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli. Ir-rapport Health at a Glance Europe 2024¹¹, prodott b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-OECD, iddedika kapitlu għal analiżi fil-fond tal-isfidi li qed tiffaċċa l-forza tax-xogħol tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea. Ir-rapport jistma li hemm nuqqas ta' 1.2 miljun tobba, infermiera u qwiebel fl-2022. Għoxrin pajjiż tal-UE rrapportaw nuqqas ta' tobba fl-2022 u fl-2023, filwaqt li 15-il pajjiż irrapportaw nuqqas ta' infermiera.

L-isfida demografika doppja ta' popolazzjoni li qed tixjiegħ, li żżid id-domanda għas-servizzi tas-saħħa, u forza tax-xogħol tas-saħħa li qed tixjiegħ, li żżid il-htiegħa li jiġu sostitwiti l-ħaddiema tas-saħħa attwali hekk kif jirtiraw, huma fatturi ewlenin ta' dan in-nuqqas. Aktar minn terz tat-tobba u kwart tal-infermiera fl-UE għandhom aktar minn 55 sena u mistennija jirtiraw fis-sinjura li għejjin, u dan ikompli jżid in-nuqqas ta' ħaddiema fis-settur. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa jikkontribwixxi għal żieda fit-tagħbijiet tax-xogħol u fil-pressjonijiet fuq il-persunal li jifdal, u b'hekk tinholq tensjoni kbira fuq min jaħdem fis-settur.

Ir-rieżami annwali tal-2023 "Employment and Social Developments in Europe" (ESDE)¹² sab li 61 % tal-infermiera u 43 % tat-tobba jħossu tensjoni kbira fuq ix-xogħol meta mqabbla mal-medja ta' 30 % tal-ħaddiema fl-UE.¹³ B'riżultat ta' dan, ħafna professjonisti tal-kura tas-saħħa qed iħallu l-impjieg tagħhom aktar kmieni milli kien antiċipat jew qed jagħżlu rwoli part-time biex jiksbu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Fl-istess ħin, l-interess fil-karrieri tas-saħħa fost iż-żgħażaġh qed jonqos, bl-interess fl-infermerija tonqos f'aktar minn nofs il-pajjiżi tal-UE bejn l-2018 u l-2022. L-attrazzjoni ta' biżżejjed żgħażaġh biex tintlaħaq id-domanda dejjem tikber tippreżenta sfida sinifikanti.

¹¹ [Health at a Glance: Europe 2024: State of Health in the EU Cycle, 18 ta' Novembru 2024](#)

¹² Kummissjoni Ewropea, Employment and social developments in Europe 2023, Rieżami Annwali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023 ([europa.eu](https://european-council.europa.eu/media/e3000420/1/attachment_data/attachment_data/employment-social-developments-2023.pdf))

13 Il-Pjan ta' Azzjoni (il-punt 3.3, kundizzjonijiet tax-xogħol) jirrapporta wkoll dwar xi wħud minn dawn is-sejbiet b'referenza għall-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-2021 tal-Eurofound, filwaqt li jgħid li kważi nofs il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, fil-kura residenzjali u fit-trasport jirrapportaw livelli għoljin ta' tensjoni fuq ix-xogħol.

L-UE tappoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tan-nuqqas ta' forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa permezz ta' diversi strumenti ta' politika u ta' finanzjament. Pereżempju, il-Kummissjoni qed tiffinanzja inizjattivi, permezz tal-Programm EU4Health, biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa u jindirizzaw iż-żamma u r-reklutaġġ, b'mod partikolari għall-infermiera.

L-ottimizzazzjoni tat-taħlita tal-ħiliet kif ukoll l-isfruttar tat-teknoloġiji diġitali u l-IA, ser ikunu essenzjali biex tiżdied il-produttività tal-ħaddiema tas-saħħa u tippermettilhom jiffukaw aktar fuq il-kura tal-pazjenti. Il-Kummissjoni tappoġġa l-azzjonijiet tal-ħiliet diġitali marbuta wkoll mal-Patt għall-Ħiliet. L-inizjattivi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-opportunitajiet ta' taħriġ ser isiru dejjem aktar importanti bl-adozzjoni reċenti tar-Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS). Bħala pedament tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, l-EHDS jintroduċi approċċ trasformattiv li għandu l-għan li jisfrutta l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni biex jittejbu t-twassil, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-tfassil tal-politika fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

4. KONKLUŻJONIJIET

- B'mod ġenerali, is-sħab soċjali u l-Istati Membri kkonfermaw ir-rilevanza u l-validità tal-approċċ tal-Pjan ta' Azzjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, kif ukoll l-enfasi speċifika tiegħu fuq l-attivazzjoni ta' gruppi u politiki sottorappreżentati rilevanti għas-settur tal-kura fit-tul u dak tal-kura tas-saħħa. It-trade unions talbu l-integrazzjoni ta' approċċ tripartitiku, kif ukoll diskussjonijiet politiċi oħra, filwaqt li enfasizzaw ir-rwol tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- **Dwar l-inklużjoni attiva, ġiet ikkonfermata l-importanza ta' approċċi kkoordinati.** Il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni effettivi tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ma' fornituri oħra ta' servizzi (soċjali) għall-għoti ta' appoġġ integrat u personalizzat huma kruċjali. Dan jinsab fil-qalba tal-approċċ ta' inklużjoni attiva. L-attivazzjoni hija rilevanti mhux biss għar-raġunament ekonomiku tagħha, iżda wkoll għall-koeżjoni soċjali u huwa kruċjali li l-għoti ta' appoġġ għall-introjtu minimu ma jwassalx għal nassa tal-faqar. Hemm bżonn ta' servizzi ta' appoġġ għall-impjiegi u taħriġ immirat ipprovdut f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali. It-tranżizzjonijiet mill-qgħad u l-inattività għandhom iwasslu għal impjiegi ta' kwalità, b'sigurtà tal-introjtu, filwaqt li jiġu evitati l-prekarjetà u l-faqar fost dawk li jaħdmu. Il-ġlieda kontra l-istereotipi hija kruċjali biex tiġi żgurata l-attivazzjoni tan-nisa, tal-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-ħaddiema akbar fl-età u tar-Rom.

- L-indirizzar tan-**nuqqasijiet fil-kura fit-tul u fil-kura tas-saħħa** huwa kruċjali mhux biss għall-forza tax-xogħol, iżda wkoll biex jiġu żgurati l-aċċess adegwat għas-servizzi tal-kura u l-kwalità tagħhom. Dan jirrikjedi pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, akkumpanjati minn miżuri għall-benesseri fiżiku u mentali, kif ukoll appoġġ għall-iżvilupp ta' perkorsi tal-karriera fis-settur. Il-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu attirati għas-settur ġiet ikkonfermata, b'edukazzjoni u taħriġ inizjali mmirati, filwaqt li jinżammu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid immirati u kontinwi rilevanti, b'enfasi kbira fuq il-ħiliet diġitali għall-forza tax-xogħol eżistenti. Peress li l-infermerija hija fiżikament eżiġenti ħafna, fatt li jżid ir-riskju ta' mard okkupazzjonali, inkluż disturbi muskuloskeletalni u psikoloġiċi, il-politiki, b'mod partikolari s-saħħa u s-sikurezza għandhom jimmiraw għal approċċ preventiv. L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tibqa' essenzjali b'mod partikolari fis-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, inkluż miżuri relatati mal-mobbiltà intra-UE u l-attrazzjoni ta' talent minn barra l-UE.¹⁴
- **L-investimenti huma essenzjali, bi ppjanar bir-reqqa** biex jiġi evitat li l-finanzjament jista' jiġi eskluż minn prioritajiet politiċi oħra. Il-proġetti pilota żgħar għandhom jikbru u l-potenzjal ta' teknoloġiji u innovazzjonijiet ġodda (bħal apparat mediku diġitali u telekura) għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ. Iż-żamma tal-karatteristiċi ewlenin tal-programmi attwali, l-appoġġ għal proġetti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa f'konformità mal-oġettivi ta' kompetittività (li jibnu fuq il-kisbiet tal-programm EU4Health) fil-qafas ta' finanzjament pluriennali li jmiss hija essenzjali.
- **L-inugwaljanzi territorjali fl-aċċess għas-servizzi tal-kura** huma sfida li għandha tiġi indirizzata permezz ta' miżuri xierqa, it-teħid ta' approċċi innovattivi u integrati fis-servizzi u l-ambjenti differenti tal-kura, pereżempju l-kliniċi mobbli, it-telemediċina, il-ħidma f'timijiet multidisċiplinari ta' diversi professjonijiet tas-saħħa u tal-kura soċjali, inkluż it-trasferiment u l-kondiviżjoni tal-kompiti, l-involviment tar-ridistribuzzjoni tal-kompiti tas-saħħa fil-forzi tax-xogħol u l-komunitajiet, u t-tisħiħ tal-kura fid-djar u bbażata fil-komunità, kif irrappurtat minn xi Stati Membri.

¹⁴ Ara t-taqsimiet 3.4 u 3.5 tal-Pjan ta' Azzjoni li jirreferu għat-titjib tal-mobbiltà intra-UE ġusta għall-ħaddiema u għall-istudenti u l-attrazzjoni tat-talent minn barra l-UE

- **Għall-futur, aktar monitoraġġ u evalwazzjoni tal-miżuri implimentati ser ikunu kruċjali biex jiggwidaw deċiżjonijiet politiċi futuri.** Sena wara l-adozzjoni tiegħu, l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet qed tavvanza sew. Madankollu, it-tkomplija tal-isforzi hija essenzjali biex jiġi żgurat il-progress sħiħ u effettiv tal-azzjonijiet kollha, b'aktar ħidma biex jissaħħu l-bażi tal-evidenza u l-proċess ta' monitoraġġ, inkluż bl-involviment tas-sħab soċjali. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom ukoll rwol importanti u jikkontribwixxu bl-għarfien espert tagħhom għas-segwitu tal-implimentazzjoni fl-attivitajiet tal-KPS. Il-governanza u l-monitoraġġ adegwati tal-Pjan ta' Azzjoni huma kruċjali, appoġġati minn attivitajiet rilevanti ta' taġlim reċiproku fil-KPS u l-gruppi ta' ħidma tiegħu, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom.
-